**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 269/97

Joseph Cachia
vs
Telemalta Corporation u b'digriet tat-30 ta' Gunju 1999 Maltacom p.l.c.

Illum 6 ta` Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u precizamet fid-data l'isfel indikati ir-rikorrent kien inqabez fil-kariga tieghu u wara gie mcahhad minn promozzjoni ghall-grad ta' Technical Officer III (illum Senior Technical Officer) mill-Korporazzjoni intimata;

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Illi immedjatament wara 9 ta' Mejju, 1987 kien jirrankja t-tieni wiehed fl-istaff tar-routing u dak li kien l-ewwel wiehed spicca' flok inhatar hu ingbieg floku certu Charles Zammit li kien xi hames gradi inqas minnu.

Illi fl-1989 inghataw promozzjonijiet ghall grad ta' TOIII (b'effett mill-1987) u huwa gie maqbuz ghaliex il-korporazzjoni sostniet li kien spicca mix-xoghol meta fil-fatt dawn gew back dated ghal zmien meta hu kien ghadu impjegat u addirittura nies ohra li kienu spiccaw bhalu xorta inghataw il-promozzjoni.

Illi hu kien fi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku anness li jindika ukoll il-fatti li ir-rikorrent fi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li l-Korporazzjoni intimata tappuntah Senior Technical officer b'effett mill-1987 jew dik id-data li jidhirlu xieraq it-Tribunal, jew jekk it-Tribunal ihoss li dan mhux possibli jigi akkordan kumpens li ma jeccedix il-Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' Telemalta Corporation li eccepiet:

1. Illi l-Korporazzjoni tichad li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew prefenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi fit-23 ta' Gunju 1989 harget sejha ghall-applikazzjonijeit ghall-grad ta' Technical Officer III. Peress li r-rikorrent kien spicca mix-xoghol (boarded out) b'effett mit-2 ta' Marzu 1989 huwa ma kienx eligibbli biex japplika.

3. Illi huwa minnu li f'dan l-ezercizzju ta' impjegati li kienu rtiraw qabel harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet kienu inghataw promozzjoni, pero' kien gie deciz li f'dan il-kaz jigu kkunsidrati biss dawk l-impjegati li kienu rtiraw **wara li ghalqu l-61 sena.** Peress li r-rikorrent kien irtira mix-xoghol minhabba ragunijiet ta' sahha u mhux bl-eta' huwa ma setax jigi kkunsidrat f'dan l-ezercizzju ta' promozzjonijiet. Ghalhekk mhux veru li saret xi ngustizzja mar-rikorrent.

4. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi fit-30 ta' Marzu 1999 dan it-Tribunal kien iddecida dwar l-eccezzjoni preliminari li l-kaz tar-rikorrent gja gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. F'dik id-decizzjoni hemm hekk:

"L-ilment hu bazat fuq sostanzjalment l-istess fatt imsemmi fil b] u cioe' li hu gie imcahhad minn promozzjoni ghal grad ta' Technical Officer III (illum Senior Technical Officer) fil-promozzjonijiet tal-1989. Il-mod kif ilment jigi investigat mill-Kummissjoni hu irrilevanti ghax it-Tribunal mhu b'ebda mod xi Qorti ta' Appell mill-Kummissjoni u l-ligi riedet li jekk kaz ikun gja gie investigat mill-Kummissjoni ma jigix mill-gdid ezaminat mit-Tribunal.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda b] dan huwa wiehed mill-kazijiet fejn it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimat.

Izda l-ilment tar-rikorrent hu bazat ukoll fuq dak li allegatament gara fl-1987. Dan ma kienx imsemmi mir-

rikorrent fl-ilment tieghu lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax iqisu gja investigat mill-istess Kummissjoni.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni preliminari f'dan ir-rigward. Jordna li jitkomplew il-provi limitatament ghal dak li gara fl-1987."

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn reggha semma li:
"Wara ftit granet li ghaddiet l-elezzjoni ta' Mejju 1987 tnehha officer in charge li kellu grad ta' Technical Officer III. Floku gie iehor minn sezzjoni ohra li kellu grad ta' Telecomunications Technician II. Bejn dawn iz-zewg gradi hemm tlett gradi differenza u cioe' Telecommunication Technician 3 u TO1, u TO2. Billi jien kont TO2, kont it-tieni fil-grad u seniority tas-sezzjoni **routing.** Din kienet umiljazzjoni kbira ghalija.
Minhabba f'hekk mort lura anke f'sahhti (fis-sens li ma accettajtx mentalment li nigi umiljat daqshekk) tant illi sa Marzu 1989 gejt dikjarat invalidu ghax-xoghol."

In kontro ezami r-rikorrent xehed li bhala TO2 xogholhom kien li meta jigu l-applikazzjonijiet godda jfittxu fejn hemm linji vojta. Is-sezzjoni kienet tkun immexxija minn TO3 pero` fl-assenza tat-TO3 kien jmexxi hu. Dwar il-persuna li kienet marret meta spicca t-TO3 kien is-Sur Charles Zammit li kien tlitt gradi anqas mir-rikorrent u beda jaghti l-ordnijiet lilu. "Dan fis-sens li kien jaghtini diversi ordnijiet fuq ix-xogholijiet kif

naghmlu u liema xogholijiet naghmel u dan dejjem avolja kien gradi inqas minni kien jikkmanda hu.”

Joseph Mallia Technical Executive mas-socjeta’ intimata ikkonferma li Charlie Zammit fl-1987 kien ghadu TT2, Telephone Technician 2, pero` meta kienu hargu l-calls for applications Charlie Zammit kien sar Technical Officer 3 b` sehh mill-5 ta` Gunju 1987 pero` dan gie mgharraf bih 4 snin wara u cioe` fl-4 ta` Gunju 1990. Jigifieri sa dak il-perjodu Charlie Zammit kien ghadu TT2.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Fi ftit kliem dan it-Tribunal irid jezamina l-fatt li meta fl-1987 spicca dak li jmexxi l-istaff tar-routing li kellu grad ta’ Technical Officer III u minfloku gie iehor minn sezzjoni ohra li kellu grad ta’ Telecomunications Technician II, u cioe’ persuna li kienet tlett gradi taht ir-rikorrent din ammontatx ghal ingustizzja. Irrizulta wkoll li dan beda jaghti l-ordnijiet lir-rikorrent ghalkemm kien tlitt gradi tahtu u ghalhekk ir-rikorrent spicca umiljat. Ir-rikorrent sostna li minhabba f’hekk mar lura anke f’sahhtu tant illi sa Marzu 1989 gie dikjarat invalidu ghax-xoghol.

It-Tribunal ihoss li l-ingustizzja saret u r-rikorrent kellu ghal sentejn ibaghti minn dan il-fatt. Li ssib persuna tlitt gradi tahtek taghtik l-ordnijiet u dan ta’ kuljum hija iebsa hafna. Is-socjeta’ intimata jew ma setghatx, jew ma ippruvatx li turi li r-rikorrent ma kienx kompetenti li ghaz-zmien in kwistjoni tipprova li r-

rikorrent ma kienx kapaci jaghmel dan ix-xoghol. It-Tribunal ha ideja posittiva tar-rikorrent. Ma gewx prodotti xi rapporti negattivi fuq ir-rikorent jew xi kazijiet ta' dixxiplina jew xi zbalji maghmulin minnu. Ghalhekk dak li sar jammonta ghal ingustizzja kif definita mill-Att VIII tal-1997. Ghal dawn il-motivi jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata. L-eccezzjonijiet l-ohra ma japplikawx ghal dan l-aspett tal-ilment.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra s-socjeta' intimata.